MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2007

Citazzjoni Numru. 95/2000/1

Joann Cordina

Vs

Charles Cordina

Il-Qorti,

**Talba ghar-rifuzjoni ta' somma flus li l-attrici tallega li hi proprjeta parafernali u li ssostni li zewgha approprija ruhu indebitament.**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-attrici fid-29 ta' Mejju 2000 li permezz taghha ppremettiet illi:-

L-attrici hi wahda mill-beneficcarji taht it-testment ta' Andreas Weiss, li miet fl-Isvizzera.

Bhala parti mis-sehem taghha minn dan il-wirt l-attrici kienet irceviet minghand l-ezekutur testamentarju is-somma ta' sitta u ghoxrin elf Frank Svizzeru (Chf 26,000), ekwivalenti bir-rata ta' kambju ta' dak in-nhar ghal sitt elef erbgha mija u wiehed u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm6,461.05).

Dawn il-flus huma parti mill-beni parafernali ta' l-attrici.

Peress li l-konvenut kien ukoll beneficjarju taht l-istess testment, u hu wkoll kien ircieva l-istess ammont.

Il-partijiet huma mizzewgin lil xulxin u, dak iz-zmien meta tqassmu l-flus, l-attrici kienet tafda lil zewgha l-konvenut u ghalhekk kienet ippermettiet li l-ammont kollu, is-sehem tieghu u s-sehem taghha, jitqieghed f'kont bankarju f'isem il-konvenut biss, u dan sar fid-9 ta' Lulju 1998.

Ghalkemm imsejjah b'ittra ufficjali tat-3 ta' April 2000, il-konvenut irrifjuta li jaghti lura lill-attrici s-sehem taghha u approprija ruhu indebitament minn flusha.

Talbet l-attrici sabiex il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-konvenut approprija ruhu indebitament minn sitt elef erbgha mija u wiehed u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm6,461.05), flus parafernali ta' l-attrici.
2. Tikkundannah ihallas lura lill-attrici s-somma ta' sitt elef erbgha mija u wiehed u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm6,461.05).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fl-20 ta' Gunju 2000 (fol. 7) li permezz taghha l-konvenut isostni li:-

1. Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Hu kontestat li l-konvenut approprija ruhu indebitament minn xi flus li kienu ta' martu u taht ebda aspett ma jissussistu l-elementi sabiex tirnexx i din l-allegazzjoni.
3. Il-flus kollha li kellhom il-partijiet bejniethom ittiehdu in konsiderazzjoni fl-okkazzjoni tal-likwidazzjoni tal-beni

kollha li kellhom in komun bejniethom u tal-komunjoni tal-akkwisti li saret permezz ta’ kuntratt pubbliku u wara li nkisbet l-awtorizazzjoni skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-ittra ufficjali prezentata fit-3 ta’ April 2000 u li ghaliha saret riferenza fic-citazzjoni prezentata mill-attrici u li giet notifikata lill-konvenut fil-5 ta’ April 2000.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mill-partijiet.

Rat li mill-atti jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Il-kontendenti zzewgu fis-7 ta’ Ottubru 1995.
(b) Permezz ta’ testment maghmul minn Andreas Weiss fit-28 ta’ Awwissu 1996 (fol. 52-53), it-testatur halla lill-kontendenti tnejn fil-mija (2%) ta’ *“the total disposable estate”* tieghu. F’dan l-istess testment inhatar bhala ezekutur testamentarju Bruno Schneider.
(c) It-testatur miet lejn fl-ahhar tas-sena 1997.
(d) Fid-9 ta’ Lulju 1998 giet trasferita minn kont gewwa l-Isvizzera s-somma ta’ hamsa u ghoxrin elf Frank Svizzeru (Ch25,000) ghall-kont numru 11443430018 (fol. 25) mal-APS Bank Ltd. Mill-atti jirrizulta li dan il-kont kien registrat f’isem il-konvenut Charles Cordina (fol. 23-24). Jidher l-ekwivalenti ta’ dan l-ammont fi flus Maltin kien ta’ tnax-il elf disgha mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm12,922.10).
(e) Fl-20 ta’ Lulju 1998 is-somma ta’ tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) giet trasferita mill-kont 11443430018 ghall-kont 11443429010 mal-istess bank. Kontijiet registrati f’isem il-konvenut. Skond ix-xhieda moghtija minn Lawrence Scicluna, rapprezentant tal-APS Bank (seduta tas-17 ta’ Jannar 2002 fol. 20-21), il-kont 11443429010 kien kont fiss ghal sena. Fil-fatt anke mid-dokument li jinsab a fol. 26 tal-process jirrizulta li dan il-

kont hu kont tat-tip *“Special Term Deposit”* ghalkemm ma jissemmix il-perjodu.

(f) Fil-21 ta’ Mejju 1999 gie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Michael Refalo (fol. 66) li permezz tieghu l-kontendenti tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti u llikwidaw l-assi li kienu jifformaw parti minnha u dak li akkwistaw bejniethom qabel iz-zwieg.

(g) Fl-20 ta’ Lulju 1999 is-somma ta’ tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) regghet giet trasferita mill-kont 11443429010 ghall-kont numru 11443430018 (current account).

(h) Fl-20 ta’ Lulju 1999 il-konvenut gibed is-somma ta’ tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) mill-kont 11443430018 tant li l-bank hareg bank draft ghal din is-somma f’isem il-konvenut (fol. 30).

(i) L-attrici tippretendi li ghandha tircievi sehemha mis-somma li l-konvenut hareg mill-kont 11443430018.

2. L-Artikolu 1320 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jidentifika x’inhuma l-akkwisti li jidhlu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Minn qari ta’ dan il-provvediment hu evidenti li dak li parti tiret waqt iz-zwieg ma jifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-flus meritu ta’ din il-kawza kienu beni parafernali tal-kontendenti f’sehem ugwali bejniethom.

3. Wara li l-Qorti qieset il-verzjoni tal-fatti li taw iz-zewg kontendenti hi tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-attrici hi bla dubju l-iktar wahda kredibbli. Il-konvenut xehed permezz ta’ affidavit (fol. 62-65) u ddikjara, *“eventwalment waslu parti mill-flus mill-Isvizzera u dawn tfajthom mal-bqija tal-flus tan-negozju. L-ammont komplessiv kien ta’ Lm12,922.10. Originarjament dawn marru fil-kont ma l-APS Bank numru 11443429010 li kien term deposit account u mhux fil-kont numru 11443430018”*. Kif rajna, x-xhieda moghtija mir-rapprezentant tal-APS Bank (fol. 20-21) u l-provi dokumentarji (fol. 23-27) juru mod iehor. Dan apparti l-fatt li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova ohra (bhal dokumenti) sabiex jikkorabora dak li qal. F’dan ir-rigward issir riferenza ghax-xhieda moghtija minn

Lawrence Scicluna, manager tal-APS Bank f'Ghawdex li wara li spjega li l-flus li gew mill-Isvizzera dahlu fil-kont numru 11443430018 iddikjara:-

***"……..dawn it-tlettax-il elf (13,000) cioe' l-ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf Frank Svizzeru (Chf 25,000) kienu ngibdu u tpoggew f'kont ta' terminu fiss ghal tnax-il (12) xahar. Il-kont fiss kien jghajjat u kien intestat fuq Charles Cordina. Dan il-kont fiss ghalaq fl-20 ta' Lulju tas-sena sussegwenti ma regghux gew rinovati, u ingibdu"***.

Ix-xhud ipprezenta wkoll id-dokumenti relattivi li jaghtu prova li s-somma ta' tlettax-il elf lira Maltija (Lm13,000) giet trasferita ghal dan il-kont fiss (numru 11443429010) fl-20 ta' Lulju 1998 fejn baqghu hekk depozitati sakemm ingibdu fl-20 ta' Lulju 1999 (ara dokumenti a fol. 26,27,29 u 30).

Is-sekwenza ta' kif suppost graw l-affarijiet skond il-verzjoni moghtija mill-konvenut, mhi xejn konvincenti (ara affidavit a fol. 63-64). Il-konvenut isostni li hu ftehem ma' martu li l-flus jintuzaw ghan-negozju. Pero' jekk kien hemm dan il-ftehim, x'kienet ir-raguni li fl-20 ta' Lulju 1998 il-flus (jirrizulta li l-flus waslu mill-Isvizzera fid-9 ta' Lulju 1998) tqieghdu f'kont fiss ghall-perjodu ta' sena ? Il-konvenut ma tax spjegazzjoni ta' dan. M'hemmx dubju li l-flus li tqieghdu fil-kont fiss (numru 1144329010) kienu dawk provenjenti mill-wirt in kwantu dakinhar li s-somma ta' tnax-il elf disgha mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm12,922.1) dahlu fil-kont numru 11443430018, kull ma kien hemm f'dan il-kont kienet is-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm375.58) (fol. 23). Il-konvenut kompla jghid li *"bqajt inhallsilha l-ispejjes u nonora l-pagamenti minn flus tieghi jew ahjar tan-negozju tieghi…."* (fol. 64). Mill-mod kif il-konvenut irrapporta l-verzjoni tal-fatti ta' dak li skond hu gara, jidher li sa dak iz-zmien kien ghadu ma sarx il-kuntratt tal-21 ta' Mejju 1999 atti nutar Dr. Michael Refalo. Il-Qorti ma tifhimx kif il-konvenut ighid li kien qieghed jonfoq mill-flus tieghu u min-negozju tieghu, gialadarba mis-sekwenza tal-fatti li ta

l-komunjoni ta’ l-akkwisti giet terminata fi stadju iktar ‘il quddiem (ara fol. 64).

Il-konvenut kompla biex qal li martu ma kellha l-ebda sehem minn dawn il-flus ghaliex hu baqa’ jhallas spejjez u jonora pagamenti *“minn flus tieghi jew ahjar tan-negozju tieghi. Anki il-pagamenti tal-karrozza li kienet xtrat Joann bdejt inhallashom mill-kontijiet tan-negozju. Hallast ukoll l-istudju taghha kif ukoll ghall-ispejjez l-ohra kollha li kien hemm bzonn. Barra minn hekk, kif konna ftehemna, l-ispejjez tal-familja bdew jithallsu kollha direttament minni. Dawn ma kienux ftit in vista tal-fatt li kien ghadu kif kellna tifla ta’ eta zghira hafna. Zgur li l-ispejjez li hrigt kienu jissuperaw bil-bosta il-Lm6561.05 li Joann kienet irceviet dakinhar mill-eredita’ ta’ Weiss- prattikament kienu izjed mid-doppju”* (fol. 64). F’dan ir-rigward jigi osservat li:-

(a) Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut ma nghatat l-ebda eccezzjoni ta’ tpacija.

(b) Il-fatt li fil-21 ta’ Mejju 1999 gie ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Michael Refalo l-kuntratt ta’ terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, ma jfissirx li b’daqshekk il-konvenut ezima ruhu mir-responsabbilta’ li jmantni lil martu u lil bintu Maria Elena Cordina. Tant hu hekk li fl-imsemmi kuntratt il-partijiet ipprovdew ghal dan ukoll.

(c) Ma giex sodisfacentement ippruvat li fl-istudji li ghamlet l-attrici kien hemm xi spejjez u wisq inqas li dawn hallashom il-konvenut.

(d) Ghalkemm il-konvenut qal li hallas “*ghall-ispejjez l-ohra kollha li kien hemm bzonn”*, ma tax dettalji dwar x’inhuma dawn l-ispejjez.

(e) Fir-rigward tal-vettura, mill-provi ma jirrizultax meta nxtrat din il-vettura. Jirrizulta pero’ li kien hemm self mal-HSBC Bank u li fis-16 ta’ Lulju 2001 thallset is-somma ta’ elfejn sitt mija u tlieta u sittin lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm2,636.53) (ara xhieda ta’ Paul Curmi moghtija fis-seduta tal-20 ta’ Dicembru 2005 – fol. 93-95). Mill-kuntratt li gie ppubblikat fil-21 ta’ Mejju 1999, ma jirrizultax li din il-vettura giet assenjata lill-attrici. Fil-kuntratt tissemma Van Citroen numru IBA659 (fol. 67)

pero' ma jinghadx li kienet qeghda tigi assenjata lill-attrici jew lill-konvenut, imma li *"il-vettura Citroen ghandha ukoll tibqa' komuni bejn il-partijiet fi kwoti ugwali bejniethom"* (fol. 69). Dan apparti l-fatt li fil-kuntratt gie espressament pattwit li r-ragel kien qieghed jiehu r-responsabbilta' tad-dejn kollu li kien hemm fuq il-komunjoni, mehud ukoll in konsiderazzjoni li tista' tghid li ha l-gid kollu li kellhom bejniethom il-konjugi Cordina. Inoltre, fl-ebda parti tal-kuntratt ma jinghad li s-sehem ta' l-attrici mill-wirt ta' Andreas Weiss u li kienu diga' rcevew kellu jzommu r-ragel biex jaghmel tajjeb ghal xi dejn jew ghal xi raguni ohra. Il-konvenut xehed:- *"l-inqas fil-kuntratt ma jissemma' xejn dwarhom – dan minkejja li ftehemna b'mod dettaljat hafna dwar kif kellhom jinqasmu l-affarijiet bejnietna"*. Il-Qorti mhi konvinta xejn li qabel iffirmaw il-kuntratt il-konjugi Cordina kienu, kif ighid il-konvenut, ftehemu *"b'mod dettaljat hafna"*. F'kull kaz il-flus ma gewx inkluzi fil-kuntratt u l-attrici ma assenjatx is-sehem li wirtet lill-konvenut. Il-Qorti tifhem li kieku kien mod iehor il-flus kienu jissemmew kif issemmew affarijiet ohra. Minn qari tal-kuntratt jirrizulta bl-iktar mod car li dan jolqot beni li:

- Il-konjugi Cordina akkwistaw qabel iz-zwieg;
- Jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-flus provenjenti mill-wirt ta' Andreas Weiss, fil-fehma tal-Qorti ma jidhlux f'wahda minn dawn iz-zewg kategoriji.

(f) Mill-provi rrizulta li ftit xhur wara li l-konvenut zbanka l-flus mill-kont numru 11443430018 (20 ta' Lulju 1999), il-koppja Cardona ma baqghux ighixu flimkien. Mill-provi mressqa mill-konvenut, il-Qorti mhi konvinta xejn li s-sehem ta' l-attrici spettanti lilha mis-somma flus li wirtu l-konjugi Cardona ntuzaw ghall-beneficcju taghha.

4. Fil-kors tax-xhieda in kontro-ezami imbaghad il-konvenut wasal biex ighid li l-flus thallew lilu ghaliex hu kien jaf lit-testatur u mhux martu. Dan jikkontradici dak li xehed fl-affidavit meta ddikjara espressament "…..*Zgur li l-ispejjez li hrigt kienu jissuperaw bil-bosta il-Lm6561.05 li Joann kienet irceviet dakinhar mill-eredita' ta' Weiss-prattikament kienu izjed mid-doppju"* (fol. 64). F'parti ohra

mill-affidavit tieghu l-konvenut ighid x'kienet ipproponiet li jsir l-attrici *"b'sehemha mill-wirt ta' Andreas Weiss"* (fol. 63). Mela f'dak l-istadju l-konvenut kien qieghed jaccetta li mill-wirt ta' Andreas Weiss l-attrici kienet intitolata ghal nofs il-flus. Tant hu hekk li pprova jiggustifika kif kien hallas lura lill-martu sehemha mill-flus. F'dawn ir-rigward il-Qorti tistqarr li mhi konvinta xejn mill-verzjoni moghtija mill-konvenut, tant li anke mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li dawn il-flus ma ntuzawx u anzi tqieghdu f'kont depozitu fiss registrat f'isem il-konvenut u baqghu mizmuma hemm sakemm it-terminu tal-kont ghalaq fl-20 ta' Lulju 1999. Rilevanti wkoll hu li fl-istadju tal-kontro-ezami (fol. 97-112) il-konvenut biddel il-verzjoni tieghu u baqa' jinsisti li l-flus thallew lilu u martu ma kellix sehem minnhom[1]. Dan minkejja l-fatt li fil-kors tad-domandi saritlu wkoll riferenza ghal dak li jghid it-testment (fol. 52-53). Atteggjament li fil-fehma ta' din il-Qorti jkompli jxejjen il-kredibilita' tal-konvenut. Bl-istess mod il-Qorti mhi konvinta xejn kif il-konvenut minn wara dahar l-attrici baghat ittra lill-ezekutur testamentarju fejn gharrfu f'liema kont bankarju ghandu jiddepozita l-flus li l-konjugi Cardona kien fadlilhom jircievu mill-wirt ta' Andreas Weiss. Ittra li nkitbet fit-13 ta' Dicembru 1999 (fol. 54-55) li ntbaghatet ukoll f'isem l-attrici, pero' li giet iffirmata mill-konvenut. F'din l-ittra jinghad li l-flus kellhom jigu depozitati f'kont Svizerru, li in kontro-ezami l-konvenut ammetta li hu kont personali tieghu. Fl-affidavit tieghu l-il-konvenut xehed:- *"F'Dicembru 1999 bghatt ittra lil Bruno Schneider fejn tlabtu biex jiddepozita l-flus li kien jifdal jingabru minni u l-attrici f'kont bankarju fi Svizzera. Din it-talba ghamiltha fuq il-ftehim li kien sar bejnietna fis-sens li l-flus kelli nehodhom kollha jien biex inpatti ghall-ispejjez li hallast jien"* (fol. 65). Prova ta' dan l-allegat ftehim ma tirrizultax, u anzi l-Qorti temmen iktar il-verzjoni moghtija mill-attrici li ma ddiskutew xejn dwar dan u fir-rigward tal-kuntratt tal-21 ta' Mejju 1999 kollox sar bl-ghagla. Fil-kors tal-kontro-ezami tal-konvenut sarulu numru ta' domandi dwar din l-ittra, pero' l-konvenut kien evaziv fit-twegibiet u xejn kredibbli. Hu evidenti li l-konvenut kien qieghed jaghmel

[1] Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fit-3 ta' Settembru 2007 ikkonferma li martu hi beneficarja bhalu ta' Andreas Weiss.

kollox minn wara dahar martu sabiex jikkappara ghalih ukoll il-flus li kien fadal mill-wirt ta' Andreas Weiss. Dan meta kien jaf li martu kellha sehem daqsu f'dan il-wirt.

5. Ghalhekk mill-provi jirrizulta li l-konvenut baqa' jiddetjeni fil-pussess tieghu flus li kienu fir-realta' appartenenti lil martu. L-attrici in kontro-ezami kkonfermat li meta l-konvenut gibed il-flus mill-kont bankarju, ghamel hekk minghajr ma talab il-kunsens taghha (fol. 158). Fatt li wiehed jifhem li ma jistax jigi kontestat mill-konvenut li qieghed isostni li dawk huma flusu. Ghalkemm il-konvenut gie nterpellat mill-attrici sabiex jirrestitwixxi dawn il-flus, ma tax kaz u anzi baqa' jinsisti li ma kellu jaghtih xejn. Permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa li, *"il-flus li l-partijiet kellhom bejniethom ittiehdu in konsiderazzjoni fl-okkazzjoni tal-likwidazzjoni tal-beni kollha li kellhom in komun bejniethom u tal-komunjoni tal-akkwisti li saret permezz ta' kuntratt pubbliku u wara li nkisbet l-awtorizazzjoin skond il-ligi"*. Issa hu maghruf li min jallega jrid jipprova u ghalhekk l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut, cjoe' li dawn il-flus kienu ttiehdu in konsiderazzjoni meta saret il-likwidazzjoni tal-beni li l-partijiet kellhom in komun. Prova ta' dan ma tressqitx, u f'kull kaz kif rajna l-flus in kwistjoni ma kienux in komun imma parafernali tal-mara. Il-kuntratt pubbliku (tal-21 ta' Mejju 1999 atti nutar Dr. Michael Refalo, fol. 66) kien jolqot it-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u xejn iktar, u fl-ebda parti ma saret xi riferenza ghall-proprjeta' parafernali jew li f'dan ir-rigward il-mara kienet qeghda tirrinunzja ghal drittijiet li seta' kellha.

6. Bla dubju is-sehem tal-attrici mill-flus li wirtu minghand Andreas Weiss kienu fil-pussess tal-konvenut bhala mandatarju ta' martu. Mandat li jista' jkun kemm espress u kif ukoll tacitu. L-attrici stess ammettiet li hi tat il-kunsens taghha sabiex dawn il-flus jigu depozitati f'kont fiss f'isem zewgha ghall-perjodu ta' sena (affidavit a fol. 46) ghalkemm ghamlet zball fin-numru tal-kont fejn qalet li gew depozitati l-flus (mill-provi rrizulta li l-kont fiss ghall-perjodu ta' sena f'isem il-konvenut kellu n-numru

11443429010). Skond l-Artikolu 1334 tal-Kodici Civili (Kap. 16), l-amministrazzjoni tal-beni parafernali huma f'idejn dik il-parti fiz-zwieg li taghha jkunu l-beni. F'dan il-kaz pero' hu evidenti li l-konvenut kien qieghed jamministra l-beni parafernali ta' martu bi qbil maghha. Imbaghad l-Artikolu 1335 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li:-

*"Meta parti fiz-zwieg tahtar lill-parti l-ohra bhala agent biex tamministra l-beni parafernali taghha it-tieni parti tkun responsabbli lejn l-ewwel parti bl-istess mod bhal agent iehor, b'dan izda li dik il-parti tkun obbligata li taghti kont ta' l-utili jekk hekk jinghad espressament fil-mandat"*.

Interessanti wkoll hu l-Artikolu 1871A (provvediment li nsibu taht l-istitut tal-Mandat) tal-Kodici Civili (introdott bl-Att numru XIII ta' l-2004):-

*"Kull persuna li zzomm proprjetà ghal persuna ohra, izzomm il-proprjetà soggetta ghal obbligazzjonijiet fiducjarji lejn il-persuna li tinkarigaha ghal dak l-ghan, u tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar obbligazzjonijiet fiducjarji".*

Bl-Att numru XIII ta' l-2004 gew introdotti emendi komprensivi fil-Kodici Civili (Kap. 16) dwar id-dmirijiet ta' fiducjarju (Artikolu 1124A tal-Kodici Civili) u dwar il-mandat prestanome (principju li kien ilu jigi applikat fis-sistema guridika taghna). Il-Qorti tqies li bid-dhul fis-sehh ta' dan l-Att, is-sitwazzjoni giet hafna iktar iccarata u l-legislatur introduca provvedimenti dettaljati fejn mandatarju jzomm ghandu proprjeta' f'isem hadd iehor u anke rimedji godda. Insibu wkoll rimedji bhal per ezempju li persuna li tikser l-obbligazzjonijiet fiducjarji trid trodd lura l-proprjeta' u kull beneficcju li tkun hadet bi ksur tal-obbligazzjonijiet. Dan jinkludi l-proprjeta' li fiha tista' tkun giet konvertita l-proprjeta' originali (Art. 1124A(6) tal-Kodici Civili).

7. Fl-att tac-citazzjoni l-attrici ghamlet talba sabiex il-Qorti tiddikjara li l-konvenut approprja ruhu indebitament

mis-somma flus li qeghda titlob il-hlas taghha permezz ta' dawn il-proceduri. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Orazio Zahra** deciza fis-6 ta' Dicembru 2006[2], il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddikjarat li ghal finijiet ta' approprijazzjoni indebita hemm tlett elementi, cjoe':

*"a. ha* (l-agent) *flus jew haga ta' haddiehor li jkunu gew fdati jew ikkonsenjati lilu u hawn qed issir referenza ghas-somma ta' tlett mitt lira maltin li gew mghoddija lilu minn Mark Sultana;*
*b. taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-flus jew haga,* ***jew*** *illi jsir uzu minnu specifikat li skond l-imputat, zamm ghalih minflok ma ghaddieh lir-Red Cross; u*
*c. kull min japproprja ruhu billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, li skond l-imputat, zamm ghalih taht il-pretiza ghaliex kellu jiehu mill-istess socjeta"*.

Minn qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut (parti ntestata principji legali) fir-rigward tat-tieni element jaghmel enfazi fuq il-fatt li l-oggett irid jigi kkonsenjat sabiex isiru uzu minn specifikat. Pero' dan l-element hu sodisfatt ukoll fejn l-oggett jinghata lill-agent per ezempju bhala depozitarju minghajr obbligu li jaghmel xi uzu specifikat. Certament li meta l-konvenut gibed minghajr il-kunsens ta' martu l-flus li gew fdati ghandu u mbaghad irrifjuta li jirritorna l-flus parafernali taghha u anzi ghamilhom tieghu, gie li approprja ruhu indebitament minn flusha. Flus li kif rajna gew fdati lill-konvenut sabiex izommhom f'kont bankarju tieghu. Dan apparti l-fatt li minn imkien ma jirrizulta li l-attrici tat xi awtorizazzjoni lil zewgha sabiex jaghmel uzu mill-flus. Il-konvenut kien jaf li dawn il-flus kellha sehem minnhom martu, u minflok tajhomlha meta talbithomlu, irrifjuta u zammhom ghalih bl-iskuza li ghamel uzu minnhom ghall-ispejjez ta' martu (ghalkemm fl-affidavit qal li l-ftehim li kellu ma' martu kien li l-flus jintuzaw ghan-negozju[3]). Spjegazzjoni li din il-Qorti

[2] Ara wkoll sentenza citata mill-konvenut fl-ismijiet **Pulizija vs Enrico Petroni et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Gunju 1998.
[3] *"Joann kienettaf b'kollox inkluz li l-ammont kont iddepozitajtu b'dan il-mod u kien car bejnietna li sehemha ghaddietu lili u li jien kelli nutilizzah ghall-iskop tan-negozju"* (fol. 63-64).

minghajr ezitazzjoni tistqarr li ma gietx sodisfacentement ippruvata. Il-Qorti hi tal-fehma li dawn il-flus kienu qeghdin semplicement jinzammu mill-konvenut f'isem martu u ma kellu l-ebda jedd li jehodhom. In-non-restituzzjoni tal-flus li l-konvenut kien qieghed izomm ghandu ghan-nom ta' martu, certament tikkwalifika bhala approprijazzjoni indebita[4].

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef erbgha mija u wiehed u sittin lira Maltija u hames centezmi (Lm6,461.05) bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' April 2000.
Spejjez a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Dwar aproprijazzjoni indebita, *"Trattandosi di somme di denaro,"* jispjega Luigi Majno, *"l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; **la negata restituzione – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione**; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario."* (*Commento al Codice Penale Italiano*, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105). Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr. Siefried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003 tant li l-Qorti ddikjara li *"ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita…."*.
.